# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tas-16 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 348/2022 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**MS**

**Vs**

**TT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MS datat 23 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fis-sbatax ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (17/06/2003) kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 20 ta' Jannar 2022 izda kienu ilhom jghixu separatament minn Dicembru 2009, (Hawn anness u mmarkat bhala Dok B);*

3. *Illi ma hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li m'hemm*

*ebda manteniment bejn il-partijiet u ma twieldu ebda tfal minn dan iz-zwieg;*

5. *Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi biex jinghataw d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

6. *Illi l-esponenti tixtieq tirriverti lura ghal kunjom xbubitha li huwa S li ghalkemm inbidel il-karta tal-identita taghha hija ghadha ma gietx ufficjalment awtorizzata mill-Qorti sabiex tikkonverti ghal kunjomha ta' xebba.*

*Ghaldaqstant, l-esponent f'dawn ic-cirkostanzi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti tirriverti lura ghal kunjom xbubitha S;*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru 2022 (Vide Fol 81) fejn il-Qorti nfurmat lill-intimat bid-drittijiet legali tieghu izda hu ddikjara li ma jehtiegx assistenza legali u ma joggezzjonax ghad-divorzju.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 76) illi kienet iltaqghet mal-intimat permezz ta *online dating site* u li izzewwgu nhar is-17 ta’ Gunju 2003 u sseparaw legalment permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza fl-20 ta’ Jannar 2022. Ilhom jghixu separatament minn xulxin mit-2009. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Skond l-istess sentenza ebda manteniment ma hu dovut. Kompliet tixhed illi ma hemm ebda tama ta’ rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Titlob ukoll sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubitha cioe’ S.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 83 et seq) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena***

***mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Gunju 2003, liema zwieg jgib certifikat numru 955/2003 (Vide certifikat taz-zwieg fol 7). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza 20 ta' Jannar 2022. (vide fol 8 et seqq.). Iz-zewg partijiet kkonfermaw bil-gurament li ilhom jghixu separatament minn 2009. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 955/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' S u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**